305, Triq Ħal Qormi, Marsa
MTP 1001, MALTA
Tel: 21224421

**KAXXI PRIVATI TA' KUNSINNA (PO BOX)**
**TERMINI U KUNDIZZJONIJIET**

**L-intestaturi f'dawn it-termini u kundizzjonijiet (minn issa l-quddiem 'Termini') huma ntiżi biss għal skop ta' gwida.**

**PREAMBOLU**

Dawn it-Termini ġew imfassla f'konformità mad-dispożizzjonijiet kif stabbiliti f'Kapitlu 254 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar is-Servizzi Postali) u f'Regolament 43 tar-*Regolamenti dwar Servizz Postali (Ġenerali)* (Legislazzjoni Sussidjarja 254.01 tal-Liġijiet ta' Malta).

Dawn it-Termini postali għandhom l-għan li jinformaw lill-klijenti ta' dan is-servizz dwar id-drittijiet u l-obbligi li jorbtu kemm lilhom u kemm lill-MaltaPost p.l.c. (minn issa l-quddiem 'MaltaPost').

Dawn it-Termini jistgħu jinbidlu minn żmien għal żmien, liema tibdil jibda japplika mid-data tal-pubblikazzjoni fuq il-websajt tal-MaltaPost.

**TERMINI u KUNDIZZJONIJIET**

**Definizzjoni**

**'Kaxxa privata ta' kunsinna' (PO Box)** hija kaxxa mwaħħla ġewwa uffiċċju postali u fejn oggetti postali, barra pakki, li huma ndirizzati lis-sid tal-kaxxa jiġu mpoġġija fiha biex jinġabru mis-sid tal-kaxxa jew ir-rappreżentant tiegħu (minn issa l-quddiem 'PO Box')

**'Sid ta' Kaxxa'** huwa individwu li f'ismu għandu rreġistrata Kaxxa Privata ta' Kunsinna.

**Ġenerali**

1. Klijenti prospettivi, li jixtiequ jikru PO Box għandhom jimlew il-formola ta' applikazzjoni**.**

2. PO Box tinkera biss lill-klijenti li għandhom minn tmintax (18)-il sena l-fuq.

3. F'każ li l-applikazzjoni għall-PO Box ma titqiesx konformi mar-rekwiżiti mitluba, l-applikazzjoni tista' tiġi rifjutata. MaltaPost tirriserva d-dritt li tirrifjuta kwalunke applikazzjoni u d-deċiżjoni tal-MaltaPost tkun finali.

**Qisien u Tariffi**

4. Il-ħlas dovut għall-kiri ta' PO Box għandu jitħallas bil-quddiem, u l-kiri għandu jitqies li beda mill-ewwel jum ta' dak ix-xahar li fih tkun inkriet il-kaxxa. Jekk sid ta' kaxxa jiddeċiedi li jġedded is-servizz tal-PO Box, it-tariffa applikabli għandha titħallas lill-MaltaPost mhux aktar tard min hamest (5) ijiem ta' xogħol qabel ma' jibda l-perjodu l-ġdid tal-kera.

5. Il-PO Box tista tinkera għal perjodu ta' 3 xhur, 6 xhur u 12-il xahar, skond it-tariffi applikabli hawn taht.

| Perjodu | PO Box ta' Daqs Żghir | PO Box ta' Daqs Medju | PO Box ta' Daqs Kbir | PO Box ta' l-Akbar Daqs |
|---|---|---|---|---|
| 3 Xhur | €25 | €40 | €50 | €75 |
| 6 Xhur | €50 | €80 | €100 | €150 |
| 12 il-Xahar | €100 | €160 | €200 | €300 |

6. It-tiġdid kollu tal-PO Boxes eżistenti għandu jkun għal perjodu ta' tnax-il xahar.

7. Sid il-kaxxa ma' jistax jitrasferixxi, jew jaqsam ma' ħaddieħor l-użu tal-kaxxa tiegħu, sakemm MaltaPost ma tilqax it-talba bil-miktub minn sid il-kaxxa u tawtorizza dan it-trasferiment jew kiri ma' ħaddiehor; iżda jekk il-MaltaPost tawtorizza li wieħed jista' jikri ma' ħaddiehor, tariffa addizzjonali għandha tiġi mħallsa minn kull detentur addizzjonali, kif indikat hawn taħt.

| Kiri ta PO Box ma' Ħaddiehor | PO Box ta' Daqs Żghir | PO Box ta' Daqs Medju | PO Box ta' Daqs Kbir | PO Box ta' l-Akbar Daqs |
|---|---|---|---|---|
| Rata | €40 | €40 | €40 | €40 |

**Ċwievet**

8. MaltaPost tagħti ċavetta waħda lil sid il-kaxxa, b'ħlas ta' darba ta' €15.00, mhux rimborsabbli, flimkien ma' depożitu addizzjonali ta' €15.00 oħra, liema depożitu jiġi mogħti lura.

9. Fuq talba bil-miktub minn sid il-kaxxa, MaltaPost tagħti ċavetta addizzjonali bi prezz ta' €15.00 għal kull ċavetta mitluba.

10. Iċ-ċwievet tal-PO Box jibqgħu proprjetà tal-MaltaPost u għandhom jintraddu lura mis-sid tal-kaxxa malli tagħlaq il-kirja tal-PO Box. Jekk iċ-ċwievet ma jingħatawx lura, id-depożitu ta' €15.00 ma jiġiex mogħti lura.

**Użu tal-PO Box**

11. Il-PO Box għandha tiġi użata biss biex wieħed jirċievi oġġetti postali mibgħuta permezz ta' servizzi approvati tal-MaltaPost. Il-PO Box ma tistax tiġi użata għall-ħażna ta' oġġetti jew kompartiment ta' sigurtà, u m'għandiex tiġi użata għal skopijiet illegali jew frawdolenti.

**Konsenja ta' Oġġetti Postali**

12. Oġġett postali maħsub biex jitpoġġa fil-PO Box għandu jkollu l-isem u l-kunjom sħiħ ta' sid il-kaxxa, kif ukoll in-numru tal-PO Box bil-lokalità tal-fergħa tal-posta skont fejn il-PO Box tkun.

13. Oġġett postali huwa meqjus li ġie mqassam lil sid il-kaxxa hekk kif jiġi mpoġġi fil-PO Box.

14. Oġġett postali li huwa registrat **jew** fejn il-pustaġġ imħallas bil-quddiem fuqu ma jkunx biżżejjed **jew** li jkun *bulky* **jew** fl-opinjoni tal-MaltaPost m'għandux jitpoġġa fil-PO Box, għandu jiġi miżmum fil-fergħa tal-posta u jitqassam biss minn fuq il-*counter* tal-posta lil sid il-kaxxa jew lir-rappreżentant tiegħu hekk kif jiġi mogħti lura l-avviz li jkun tpoġġa fil-PO Box għal dak il-għan.

**Ħinijiet tal-Ġbir**

15. Sid il-kaxxa jew ir-rappreżentant tiegħu jista' jiġbor l-oġġetti postali mill-PO Box tiegħu f'kull ħin matul il-ħinijiet tal-uffiċċju stabbiliti, kif jidhru hawn taħt:

| **Postijiet ta' Aċċess** | **Ġranet tal-Ftuh** | **Hinijiet tal-Ftuħ** |
|---|---|---|
| **Fergħat Malta u Għawdex (Ħinijiet Standard)** | **Tnejn - Sibt** | **07.30 -13.00** |
| Ajruport Internazzjonali ta' Malta | Tnejn - Gimgha | 07.30 -13.00 |
| Fergħa ta' Buġibba | Tnejn - Sibt | 08.00 -13.30 |
| Fergħa ta' San Ġiljan | Tnejn – Gimgha<br>Is-Sibt | 08.00 -13.30<br>08.00 -12.30 |
| Fergħa tal-Belt Valletta – Triq Nofsinhar | Tnejn - Gimgha<br>Sibt | 10.00 -18.00<br>09.30 -13.00 |
| Fergħa tal-Belt Valletta – Triq l-Ifran | Tnejn - Gimgha<br>Is-Sibt | 08.15 -13.30<br>07.45 -13.00 |
| L-Uffiċċju Ċentrali fil-Marsa | Tnejn - Gimgha<br>Is-Sibt | 08.00 -16.00<br>08.00 -13.30 |
| Uffiċċju tal-Posta fir-Rabat, Għawdex | Tnejn - Gimgha<br>Is-Sibt | 08.15 -16.30<br>08.15 -12.30 |

**Noti:**

a. Il-PO Boxes li qegħdin fl-uffiċċji postali tar-Rabat Ghawdex, l-Uffiċċju Ċentrali fil-Marsa, l-Università tal-Qroqq, Swieqi, Birkirkara, Il-Belt Valletta (Triq Nofsinhar), l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Marsaskala u l-Furjana huma aċċessibbli fuq bażi 24/7.

b. Ma hemm l-ebda servizz ta' PO Box disponibbli fl-uffiċċji postali ta' Smart City u l-Belt Valletta (Pjazza Kastilja).

**Irtirar tas-Servizz**

16. MaltaPost tirriżerva d-dritt li twaqqaf is-servizz b'effett immedjat u mingħajr pre-avviż għal kwalunkwe raġuni valida, fosthom; il-ksur ta' dawn it-termini u kundizzjonijiet u meta l-uzu illegali ta' PO Box jista jaffettwwa r-reputazjoni tal-MaltaPost b'mod negattiv. Jekk is-servizz tal-PO Box jiġi itterminat minħabba użu ħażin li jinkludi qerq jew ksur tal-Ligijiet u r-Regolamenti postali, sid il-kaxxa ma jkollu l-ebda dritt għall-rimbors.

**Gbir ta' Oġġetti Postali**

17. Huwa rakkomandabbli illi oġġetti postali jingabru mill-PO Box bi frewkenza suffiċjenti sabiex l-oġġetti postali ma jakkumulawx iżjed mill-ispazju tal-kaxxa. Fin-nuqqas ta' konformita' minn sid il-PO Box, l-MaltaPost tista tittermina l-użu tas-servizz.

**Ċaħda ta' Responsabilita'**

18. Il-MaltaPost m' hijiex responsabbli għal kull telf jew dannu dirett jew indirett, ġenerali, speċjali jew konsegwenzjali li huwa konness mal-obbligu tal-kuntratt tal-PO Box, jekk dan huwa riżultat ta' ċirkostanzi lill hinn mill-kontroll tal-MaltaPost.

**Żvelar ta' Informazjoni**

19. Il-MaltaPost tirriżerva d-dritt li tagħti d-dettaljji ta sid il-PO Box u anke persuni oħra li jużaw il-PO Box lil kull awtorità li għandha dritt titlob din l-informazzjoni bil-Liġi.

**TALBA GHAL TAGĦRIF/ILMENT**

20. Ilment jikkonsisti f'komunikazzjoni mill-konsumatur lill-MaltaPost meta l-aspettattivi tas-servizz offrut ma ġewx milħuqa.

    F'każ ta' diffikultà dwar dan is-servizz, il-klijenti jistgħu jikkuntattjaw lill-*Customer Care* tagħna permezz tal-mezzi msemmija hawn taħt:

| | |
|---|---|
| E-mail: | info@maltapost.com |
| Websajt: | billi timla l-formola *online* fuq www.maltapost.com |
| Telefon: | (+356) 2122 4421 |
| *Freephone*: | (+356) 8007 2244 |

*Il-linji jkunu miftuħin mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-7.30 – 14.30 u s-Sibt bejn is-07.30 – 12.30 (ħlief fil-festi pubbliċi)*

Jew personalment billi żżur il-MaltaPost Customer Care Desk ġewwa l-Uffiċċju Ċentrali, 305, Triq Ħal Qormi, Marsa MTP 1001, MALTA (Ħinijiet tal-Uffiċċju japplikaw mit-Tnejn sal-Ġimgħa – 08.00 -16.00)

Jew bil-posta fuq l-indirzz seguenti - MaltaPost p.l.c., Customer Care, 305, Triq Ħal Qormi, Marsa MTP 1001, MALTA.

**RIMEDJI OĦRA**

Il-klijenti jistgħu jfittxu rimedji oħra jew jieħdu parir indipendenti, inkluż għajnuna mill-*End-User Affairs* tal-Awtorità ta' Malta Dwar il-Komunikazzjoni (MCA) meta s-soluzzjoni offruta mill-MaltaPost ma titqiesx waħda sodisfaċenti.